MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 1461/1996/1

**A *sive* B C**
**vs**
**D *sive* E C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li hi zzewget lill-konvenut fil-11 ta’ April 1972; li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment minhabba eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tal-konvenut fil-konfront taghha, u b’ hekk il-hajja konjugali saret impossibbli; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni skond il-ligi sabiex taghmel din il-kawza; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b’ tort tal-konvenut; [2] [3] [4] tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni taghha; [5] tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentarja fissata minn din il-Qorti; u [6] tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost, in

toto jew in parte, ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16;  bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat li l-konvenut ma pprezentax nota ta’ l-eccezzjonijiet, izda prezenta kawza numru 1353/98 fl-ismijiet “D C vs B C” fejn, wara li ppremetta li l-hajja konjugali kienet saret impossibbli “tort solament ta’ ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, u in effetti l-istess konvenuta ilha li telqet mid-dar xi hmista-il sena, u abbandunat lill-attur”, talab li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b’ tort esklussiv tal-konvenuta;  [2] tordna x-xoljiment, likwidazzjoni, u assenjazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti;  u [3] tezenta lill-attur minn kwalisiasi manteniment stante abbandun tal-konvenuta;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-Istimatur Vincent Ciliberti;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku, l-Arkitett Mario Cassar;

Rat ir-rapporti tal-perit legali l-Avukat Dottor Ian C Bailey;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, imputabbli lill-konvenut;  kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel mat-talba ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali, jattribwixxi t-tort lill-attrici in bazi ghall-artikolu 41 tal-Kap.precitat.

---

[1] Vol.3 – fol.1066 et seq. u fols.1225 u 1226

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-11 ta' April 1972, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, Frances, Kevin u Mary Rose, illum Zammit, ilkoll maggjorenni. Wara konvivenza ta' circa hdax-il sena l-attrici, fit-22 ta' Awwissu 1983 telqet bit-tfal mid-dar konjugali u marret tghix ghand ommha.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tilmenta mill-fatt li tul il-konvivenza matrimonjali hija kienet vittma kostanti ta' vjolenza domestika, kemm minn naha tal-konvenut, kif ukoll minn naha ta' ommu li maghha huma kienu jghixu. Tghid li l-konvenut kien jghajjarha, anke bl-uzu ta' kliem baxx bhala 'qahba' 'xkupa' u 'halliela', kien jheddida li ser joqtolha jew jibghatha frankuni, u f' okkazzjoni minnhom anke tefalha sikkina u laqghatha f' daharha. L-attrici kienet tghix f' biza' kostanti minn zewgha, u anke minn ommu; u darba minnhom, wara li sar rapport, dawn gew arrestati, u s-surgent kien talabha sabiex ma tibqax tghix hemmhekk. Kienu dawn ic-cirkostanzi, ripetuti fuq medda ta' hdax-il sena konvivenza, li wasslu sabiex l-attrici tkun kostretta titlaq mid-dar konjugali.

*Verzjoni tal-Konvenut*
Minn naha tieghu l-konvenut jghid li d-dizgwid li kien ikun hemm bejnu u bejn martu kien wiehed normali, pero' l-attrici ma kinitx tkellem lil ommu ghalkemm kienu joqghodu go darha. Jghid li hu dejjem hallas manteniment.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-verzjoni attrici ssib korroborazzjoni ampja, kemm fix-xhieda ta' ulied-il partijiet, kif ukoll fix-xhieda ta' diversi nies li, jew ghax kienu girien jew ghax kellhom kuntatt maghhom minhabba xoghol, irrakkontaw fatti li raw huma, u li jkkonfermaw il-komportament abbuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu.

Mill-provi jirrizulta car li tul il-konvivenza matrimonjali l-attrici, u anke ulied-il partijiet, kienu soggett ghall-

komportament abbuziv u sevizzjuz, abitwali u ripetut, li rrenda l-konvivenza nsapportabbli ghall-attrici; u ghalhekk din kellha raguni valida ghaliex titlaq mid-dar konjugali li fiha hija kienet tigi umiljata, mghajjra u msawtha mill-konvenut, u anke minn ommu,

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li, z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment esklussivament tort tal-konvenut li rrenda ruhu hati ta’ sevizzi u ta’ ngurji gravi fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16. Minn naha ta’ l-attrici l-Qorti tosserva li ma rrizulta xejn censurabbli, jew li din ikkontibwiet b’ xi mod ghas-separazzjoni; t-tluq taghha mid-dar konjugali kien wiehed gustifikat b’ raguni valida tenut kont tal-konsiderazzjoni li hadd mhu obbligat jissaporti hajja ta’ vjolenza, morali u fizika.

Inoltre, il-Qorti thoss li l-komportament abbuziv kien tali li ghandu jattira fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta’ l-artikolu 48 fl-intier tieghu.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

Illi fir-rigward ta’ l-aspett patrimonjali tal-kawza, din il-Qort taqbel mal-perit legali li, tenut kont tan-numru ta’ proprjeta’ li kellhom il-partijiet, kemm tal-komunjoni kif ukoll parafernali tal-konvenut, dan l-aspett tal-kawza rrizulta wiehed komplikat, anke tenut kont tal-fatt li, l-informazzjoni dwar xi uhud mill-proprjeta’ kienet skarsa, kif ukoll minhabba li uhud mill-proprjeta’ mbieghet; u, ghalhekk din il-Qorti, a skans ta’ ripetizzjoni, ser taghmel referenza ampja ghall-kontenut tar-relazzjoni tal-perit legali li ttratta l-materja b’ mod abbli u b’ mod metikoluz.

*Proprjeta’*

Ghaldaqstant din il-Qorti qed taghmel referenza ghall-kontenut tal-pagni 31 sa 36[2] tar-relazzjoni, u qed taddotta l-istess; u kopja taghhom qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali minnu. [Appendici A]

*Likwidazzjoni u Divizjoni*

[2] Vol.3 – fols.1097 sa 1102

Il-Qorti qed taddotta wkoll il-kontenut tal-pagni numri 39 sa 43, inkluzi l-annessi skedi a fols. 1105 sa 1114 li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegral mill-istess [Appendici B]; u tordna li l-assenjazzjoni ssir kif hemm indikat.

Illi kif rilevat mill-perit legali fir-rapport ulterjuri tieghu, il-fondi ndikati, fil-pagna 39[3] tar-relazzjoni tieghu, bhala ‘Casablanca Bar & Restaurant fi Triq Nazzeron Dalli Birzebbuga’ u l-fondi ndikati ’19, 20 ,21 u 22 Parish Street, Birzebbuga’ huma fil-fatt l-istess fond. L-istess, il-fondi ndikati “Kamra bin-numru 11, u garage li jigib in-numri 13 fi Triq l-Ahwa Vassallo, Luqa’”u l-fond “Art f’ New Gate Street, Luqa’ li fuqha nbena garage u store”, huma fil-fatt l-istess fond.

In propozitu l-perit legali josserva: “illi kieku l-partijiet kienu aktar cari fil-provi taghhom, aktar milli semplicement ipprezentaw il-kuntratti u daqshekk, tali zbalji setghu facilment jigu evitati, aktar u aktar, meta kien hemm tibdil fl-indirizzi.”

Inoltre l-Qorti tilqa’ s-suggeriment tal-perit legali, kontenut fir-rapport ulterjuri tieghu, li in vista ta’ dawn il-korrezzjonijiet, l-attrici ghandha, fl-assenjazzjoni ta’ l-assi, u senjatament b’ referenza ghall-paragrafu erba’ [4] fil-pagna 42[4] tircievi s-somma ta’ €209,644 [ekwivalenti ghal LM90,000], minflok €174,703 [LM75,000]; kif ukoll qed jigu assenjati lill-attrici hamsa mill-garages indikati fil-paragrafu tnejn [2] fil-pagna 41[5] b’ referenza ghall-ewwel skeda annessa mar-rapport, u precizament l-ewwel hames garages li jidhru fuq din l-iskeda a fol.1110.

Illi rigward il-kont bankarju sekwestrat bil-mandat numru 2013/98 mal-Bank of Valletta, u li l-imghaxijiet tieghu kienu qed jigu percepiti minn omm il-konvenut u sussegwenti mill-istess konvenut, skond ix-xhieda tar-rapprezentat tal-bank Joseph Borg Cardona,[6] il-Qorti

[3] Vol.3 - fol.1105, u wkoll 1107
[4] Vol.3 – fol.1108
[5] Vol.3 – fol. 1107
[6] Vol.3 – fols.1167 *et seq.*

tosserva li l-attrici ghandha dritt ghal nofs l-ammont ta' imghaxijiet percepiti fuq dan il-kont, minn Gunju 1998[7]. Ghalhekk tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici l-ammont rapprezentanti nofs l-imghaxijiet percepiti minnu minn Gunju 1998.

Illi rigward il-pensjoni[8] percepita mill-konvenut mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u mizmuma minnu, il-Qorti, tordna li, stante li din il-pensjoni tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, nofs l-ammont percepit mill-konvenut mill-24 ta' Jannar 1997 'il quddiem, jithallas minnu lill-attrici.

**Mantenimnet**

Illi fir-rigward il-Qorti tikkondividi l-fehema tal-perit legali fis-sens li, dak assenjat lilha mill-akkwisti tal-komunjoni, dina ser ikollha proprjeta' sufficjenti sabiex ikollha ntrojtu adegwat, u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiffissa retta alimentarja ghall-attrici; izda, stante li l-konvenut huwa esklussivament hati ghall-firda, il-Qorti tafferma d-dritt tal-attrici li tezigi manteniment minghand il-konvenut, f' gudizzju separat, kemm-il darba din tisfa' minghajr mezzi adegwati ghall-ghejxien taghha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba,u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b' tort esklussiv tal-konvenut;

[2] tilqa' it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet, billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u li din tigi likwidata u assenjata skond kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

[3] tichad il-hames talba, ghar-raguni ndikata fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment', filwaqt li tafferma d-dritt ta' l-attrici li, f' gudizzju separat, titlob li tigi fissata retta alimentarja ghaliha fil-kaz li din tisfa' bla mezzi adegwati;

[4] tilqa' is-sitt talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu.

---

[7] Vol.3 – fol. 1190

[8] Vol.3 – fols.1165-1167, u fol.1171-1172

L-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------